# KAPITOLU 246

## ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI

*Biex jipprojbixxi l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti.*

9 ta' Awissu, 1974

*L-ATT XXXVII ta' l-1974, kif emendat bl-Att LVIII ta' l-1974; bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti XVI ta' l-1978, IV ta' l-1979, I ta' l-1988, IX ta' l-2003, u III u XIII ta' l-2004; u bl-Avviżi Legali 156 ta' l-2005, 335 ta' l-2006, 109, 159, 181, 210 u 411 ta' l-2007, u 131, 132 u 133 ta' l-2008.*

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.

Tifsir. *Emendat: I.1988.2; IX. 2003.37; III. 2004.82; XIII. 2004.63.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"area msemmija speċjali" tfisser żona deskritta fl-Ewwel Skeda u kull żona oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta jżid ma' dik l-iskeda;

"bini" tinkludi biċċa art għall-iskopijiet ta' l-artikolu 6 u n-nefqa proġettata għall-iżvilupp relattiv;

"finijiet ta' residenza sekondarja" tfisser finijiet li ma jkunux dawk ta' post ta' residenza ewlieni jew għal xi wieħed mill-finijiet elenkati fl-artikolu 3(2)(*b*) jew (3);

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi, u minbarra għall-finijiet ta' ordni li jsir skond l-artikolu 6(1) jew regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' l-artikolu 8, tinkludi meta jkun delegat bil-miktub mill-Ministru, kull uffiċjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi li jkun ġie hekk delegat mill-Ministru;

"perjodu kontinwu" għandu jiġi kalkulat billi ma jingħatax każ ta' kull perjodu li jammonta għal anqas minn disgħin ġurnata f'xi sena kalendarja li matulhom individwu ma jkunx qiegħed f'Malta iżda dawk il-perjodi ma għandhomx jeċċedu d-disgħin ġurnata f'xi sena kalendarja li tkun;

"permess għal residenza" tfisser permess għal residenza maħruġ skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.

"persuna mhux residenti" tfisser u tinkludi:

(*a*) individwu li ma jkunx ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru ieħor; jew

(*b*) ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru ieħor, anke, f'kull wieħed miż-żewġ każi jekk ikollu permess validu għal residenza, li ma kienx residenti f'Malta

għal żmien minimu kontinwu ta' ħames snin f'kull waqt li jiġi qabel id-data ta' l-akkwist; jew

(*ċ*) kull korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, u kull awtorità, istituzzjoni, organizzazzjoni, fond, ditta u kull enti oħra li tkun, kemm korporata kemm mhix, jekk dawn:

(i) ikunu kostitwiti, iffurmati, stabbiliti, inkorporati jew reġistrati fi, jew taħt il-liġijiet ta' stat li ma jkunx Malta jew Stat Membru ieħor; jew

(ii) ikollhom l-indirizz reġistrat tagħhom, post prinċipali ta' residenza jew ta' negozju tagħhom fi stat li ma jkunx Malta jew Stat Membru ieħor; jew

(iii) ikollhom ħamsa u għoxrin fil-mija jew iktar mis-sehem tagħhom jew kapital ieħor li tkun proprjetarja tiegħu persuna mhux residenti jew li jkun reġistrat f'isem *trustee* għall-benefiċċju ta' persuna mhux residenti; jew

(iv) ikunu b'xi mod u kemm direttament kemm indirettament ikkontrollati minn xi persuna waħda jew aktar li ma jkunux residenti;

(*d*) kull *trustee* skond *trust* li jkun:

(i) persuna mhux residenti kemm-il darba l-benefiċjarji kollha tat-*trust* ma jkunux determinati u residenti f'Malta u fil-kaz ta' *trust* diskrezzjonarju meta s-setgħa tal-ħatra jew xi diskrezzjoni tista' tiġi eżerċitata favur persuni residenti f'Malta;

(ii) persuna residenti f'Malta meta xi wħud mill-benefiċjarji jkunu persuni mhux residenti u fil-każ ta' *trust* diskrezzjonarju, meta s-setgħa tal-ħatra jew xi diskrezzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata favur xi persuna mhux residenti;

"persuna residenti ta' Malta" tfisser individwu li jkun:

(*a*) ċittadin ta' Malta jew Stat Membru ieħor li kien persuna residenti ta' Malta għal żmien minimu kontinwu ta' ħames snin f'kull żmien li jiġi qabel id-data ta' akkwist;

(*b*) il-konjuġi, raġel jew mara, ta' liema nazzjonalità jkunu u jkunu fejn ikunu residenti, ta' ċittadin ta' Malta jew Stat Membru meta dawk il-konjuġi jkunu qed jakkwistaw flimkien bl-istess kuntratt;

"post ta' residenza ewlieni" tfisser id-dar ta' abitazzjoni fejn individwu jkun abitwalment joqgħod, jew ikollu l-ħsieb li abitwalment joqgħod, bħala l-post ta' abitazzjoni prinċipali tiegħu, kemm f'Malta jew band'oħra;

"proprjetà immobbli" tfisser u tinkludi l-ħwejjeġ, il-jeddijiet u l-azzjonijiet kollha li huma immobbli minnhom infushom jew minħabba l-ħaġa li għandhom x'jaqsmu magħha skond l-artikoli 308 u 310 tal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.

Persuni li jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli mingħajr permess. *Miżjud: IX. 2003.39.*

**3.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att:

(*a*) persuna residenti ta' Malta tista' takkwista b'att *inter vivos* proprjetà immobbli f'Malta b'kull jew taħt kull titlu mingħajr il-ħtieġa li jinkiseb permess taħt dan l-Att;

(*b*) ċittadin ta' Malta u ċittadin ta' Stat Membru li ma jkunx f'kull wieħed miż-żewġ każi persuna residenti ta' Malta ma jistax, mingħajr il-ħtieġa li jikseb permess taħt dan l-Att, jakkwista proprjetà immobbli għal finijiet ta' residenza sekondarja b'att *inter vivos* f'Malta.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att "proprjetà immobbli għal finijiet ta' residenza sekondarja" teskludi:

(*a*) kull proprjetà immobbli li għandha sservi bħala r-residenza ewlenija għall-persuna li tkun qed takkwista l-proprjetà immobbli; jew

(*b*) dik il-proprjetà immobbli li l-akkwist tagħha jkun meħtieġ għat-twettiq ta' l-attivitajiet kummerċjali ta' persuna bħal dik jew għall-provvista ta' servizzi minn persuna bħal dik.

(3) Persuna, li ma tkunx persuna fiżika jew persuna mhux residenti, tista' takkwista b'att *inter vivos* proprjetà immobbli f'Malta mingħajr il-ħtieġa li tikseb permess taħt dan l-Att meta dik il-proprjetà immobbli tkun meħtieġa għall-fini tat-twettiq ta' l-attività li tkun twaqqfet għaliha.

Persuni mhux residenti ma jistgħux jakkwistaw proprjetà immobbli. *Emendat: I.1988.3; IX. 2003.38.*

**4.** (1) Ħlief kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut, b'seħħ mit-30 ta' Mejju, 1974, persuna mhux residenti ma tistax takkwista proprjetà immobbli b'xi jew taħt xi titolu, u b'xi mod, ikun liema jkun, sew jekk b'att *inter vivos* jew *causa mortis*, u magħduda preskrizzjoni, okkupazzjoni jew aċċessjoni; u kull att, testment jew ħaġa oħra li juru li jittrasferixxu jew igħaddu xi proprjetà immobbli lil persuna mhux residenti, u kull devoluzzjoni jew ġrajja oħra li jkollha effett li tittrasferixxi proprjetà immobbli u li kieku ma kienx hemm id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att kienet tittrasferixxi dik il-proprjetà favur persuna mhux residenti tkun nulla u mingħajr effett għall-finijiet kollha tal-liġi u dwar il-persuni kollha; u kull trasferiment, ħlas jew ħaġa oħra magħmula jew mogħtija bħala parti minn, jew b'konsegwenza ta', jew anċillari għal, xi ħaġa

projbita kif intqal qabel għandhom bl-istess mod ikunu nulli u mingħajr effett u, kif u meta jixraq, l-oġġett tagħhom għandu jiġi mogħti lura, imqiegħed kif kien, imħallas lura, imħassar jew isir minnu skond hekk.

(2) Is-subartikolu (1) ma għandux japplika għal -

(*a*) l-akkwist ta' qabar jew sit għal qabar minn persuna mhux residenti; u

(*b*) il-fidwa minn persuna mhux residenti ta' kull ċens jew piż ieħor fuq kull proprjetà immobbli li tkun ġiet akkwistata skond il-liġi minn dik il-persuna mhux residenti.

Eċċezzjoni f'xi każijiet. *Sostitwit: IX. 2003.40. Emendat: III. 2004.84; A.L. 411 ta' l-2007.*

**5.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ma għandhomx japplikaw dwar:

(*a*) proprjetà immobbli li tkun qed tgħaddi għal għand xi persuna *causa mortis*, tkun fejn tkun residenti, sakemm il-persuna li l-proprjetà immobbli tkun għaddiet minn għandha tkun akkwistat dik il-proprjetà immobbli, meta dan ikun japplika, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew;

(*b*) l-akkwist ta' proprjetà immobli minn xi persuna, tkun fejn tkun residenti, f'xi area msemmija speċjali; jew

(*ċ*) l-akkwist ta' kull sehem ieħor diviż jew indiviż fi proprjetà immobbli minn xi persuna, tkun fejn tkun residenti, meta dik il-persuna tkun qabel akkwistat b'mod leġittimu sehem f'dik il-proprjetà immobbli; jew

(*d*) it-trasferiment ta' proprjetà immobbli f'eredità bejn werrieta flimkien; jew

(*e*) il-partizzjoni ta' proprjetà immobbli bejn werrieta flimkien; jew

(*f*) l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn kumpannija jew soċjetà kummerċjali oħra, li ma tkunx persuna mhux residenti, minn xi membru wieħed jew aktar tagħha li jkollha iżjed minn ħamsin fil-mija interess fil-kapital azzjonarju, jew mill-kapital azzjonarju tiegħu; jew

(*g*) id-donazzjoni ta' proprjetà immobbli lil konjuġi, dixxendent jew axxendent fid-linja diretta tagħhom u lill-konjuġi relattivi tagħhom, jew fin-nuqqas ta' dixxendenti lil xi ħu jew oħt u lid-dixxendenti tagħhom, sakemm dik il-proprjetà immobbli tkun ġiet akkwistata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, meta dan ikun japplika.

(2) Il-parti li tkun qed takkwista l-proprjetà immobbli jew li lilha tiġi assenjata l-proprjetà immobbli b'qasma jew li tgħaddi għal għandha skond xi waħda jew iktar mill-eċċezzjonijiet elenkati taħt is-subartikolu (1) għandha tiddikjara fil-kuntratt li dak it-trasferiment ikun ġie hekk kopert, u n-nutar li jkun qed jippubblika dak il-kuntratt għandu javża lil dik il-persuna bl-importanza tal-verità ta' dik id-dikjarazzjoni u jinnota fil-kuntratt li huwa jkun

hekk wissa lil dik il-persuna.

(3) Nutar li jirċievi xi att li ma jkunx fih dikjarazzjoni bħalma tkun meħtieġa taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew li jonqos milli javża lill-partijiet partikolarment dwar l-importanza li tingħad il-verità f'dik id-dikjarazzjoni jew milli jirreġistra fl-att li huwa jkun ikkonforma ruħu ma' dik il-ħtieġa, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (2,300) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf euro (23,000).

Kunsens lil persuni mhux residenti li jakkwistaw proprjetà immobbli f'każijiet partikolari. *Emendat: XVI. 1978.2; I. 1988.4; IX. 2003.38, 41; A.L. 411 ta' l-2007.*

**6.** (1) Il-Ministru jista' jagħti kunsens bil-miktub lil persuna mhux residenti biex takkwista proprjetà immobbli li tkun speċifikament murija fil-kunsens jekk fil-fehma tal-Ministru jkun fl-interess pubbliku jew ikun xort'oħra xieraq li jingħata dak il-kunsens:

Iżda, jekk applikazzjoni ssir lill-Ministru għall-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuna mhux residenti, u dik l-applikazzjoni ssir skond dawk il-*policies*, dik il-forma u b'dak il-mod, jekk ikun il-każ, skond ma jistgħu jiġu stabbiliti b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, u tkun ingħatat dik l-informazzjoni li tista' tkun ordnata permezz ta' regolamenti, il-Ministru ma għandux iżomm il-kunsens tiegħu jekk ikun sodisfatt illi -

(*a*) il-proprjetà immobbli tkun meħtieġa għal proġett industrijali jew turistiku approvat mill-Gvern jew għal xi proġett ieħor jew għanijiet oħra li jkunu hekk ukoll approvati minħabba l-kontribuzzjoni tagħhom għall-iżvilupp ta' l-ekonomija ta' Malta; u

(*b*) fil-każ ta' individwu li ma jkunx residenti ta' Malta, il-proprjetà immobbli tkun bini li l-valur tiegħu ma jkunx inqas minn tmintax-il elf, u ħames mitt euro (18,500) (liema ammont għandu jkun appuntat konformament ma' indiċi ta' prezzijiet tal-proprjetà immobbli li għandu jiġi ppubblikat ta' kull sena fil-Gazzetta mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika) u li jkun maħsub li jintuża mill-persuna mhux residenti bħala residenza għaliha nnifisha u għall-familja tagħha u dik il-persuna mhux residenti ma tkunx proprjetarja u ma jkollha f'idejha taħt ebda titolu jkun liema jkun xi proprjetà immobbli oħra f'Malta barra minn xi proprjetà immobbli li l-akkwist tagħha jkun eżentat taħt l-artikolu 4(2) jew 5;

(*ċ*) il-proprjetà immobbli tkun jew:

(i) *garage* li jinsab f'medda ta' ħames mitt metru mir-residenza li l-applikant ikun akkwista qabel; jew

(ii) biċċa art jew bini adjaċenti inkluża bħala estensjoni għal, u biex tkun integrata mar-residenza li l-applikant ikun akkwista qabel:

Iżda wkoll il-Ministru jista' jżomm milli jagħti kunsens għall-akkwist ta' kull proprjetà immobbli li huwa jqis li jkollha

importanza storika, jew li tkun tinstab f'lokalità storika.

(2) Meta bis-saħħa ta' xi att, suċċessjoni, ħaġa jew ġrajja, persuna mhux residenti, li kieku ma kienx hemm id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kienet takkwista proprjetà immobbli, il-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern li tispeċifika l-proprjetà li jrid jolqot bl-ordni, jagħti permess lil dik il-persuna mhux residenti li takkwista l-proprjetà hekk speċifikata; u f'kull każ bħal dan l-akkwist ikollu effett minn dik id-data li tiġi speċifikata fl-ordni, li tkun data mhux qabel dik ta' l-att, suċċessjoni, ħaġa jew ġrajja msemmija qabel jew, fil-każ li ma hijiex speċifikata data fl-ordni, mid-data ta' l-att, suċċessjoni, ħaġa jew ġrajja msemmija qabel.

(3) Il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet, limitazzjonijiet u kwalifiki li taħthom jingħata l-kunsens imsemmi f'dan l-artikolu jkunu dawk elenkati fit-Tieni Skeda.

(4) L-akkwist ta' proprjetà immobbli li jsir bis-saħħa, u skond li jkun fih kunsens mogħti taħt is-subartikolu (1) permezz ta' att pubbliku li miegħu jkun hemm anness dak il-kunsens u akkwist ta' proprjetà immobbli li dwaru jkun ingħata kunsens taħt is-subartikolu (2), ikun validu u jkollu effett minkejja l-artikolu 4, suġġett għat-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tapplika għal dak l-akkwist:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax, u l-artikolu 4 għandu jseħħ għal kollox daqslikieku ma jkunx ingħata kunsens taħt dan l-artikolu, jekk, dwar xi kunsens li jkun hekk ingħata, tkun ingħatat lill-Ministru informazzjoni importanti għall-għoti ta' dak il-kunsens li tkun mhux korretta jew li tisvija.

(5) Kemm jista' jkun malajr wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' tliet xhur li jagħlaq fil-31 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju, fit-30 ta' Settembru u fil-31 ta' Diċembru, il-Ministru għandu jġiegħel il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' lista tal-kunsensi kollha mogħtija taħt dan l-artikolu matul il-perijodu ta' tliet xhur ta' qabel, flimkien ma' dik l-informazzjoni dwar il-persuna li lilha jkun ingħata l-kunsens, u dwar il-proprjetà li dwarha jkun ingħata, kif il-Ministru jidhirlu xieraq. Kopja tal-listi kollha pubblikati skond dan is-subartikolu għandha tinżamm fl-uffiċċji tar-Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex u kulħadd ikun jista' jara dawk il-kopji bħal ma jista' jara r-reġistri miżmuma f'dawk l-uffiċċji.

Il-proprjetà immobbli tintuża biss għall-għan indikat.
*Emendat: LVIII 1974.68; A.L. 148 ta' l-1975.*
*Sostitwit: IX. 2003.40.*
*Emendat: III. 2004.85; A.L. 411 ta' l-2007.*

**7.** (1) Ebda persuna ma tista', mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Ministru, tuża, jew tħalli li tintuża, xi proprjetà immobbli akkwistata bis-saħħa ta' kunsens mogħti taħt l-artikolu 6, b'xi mod jew għal xi għan li ma jkunx dak muri fl-applikazzjoni għal kunsens bħal dak.

(2) Persuna awtorizzata takkwista proprjetà immobbli f'Malta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 għandha, fil-kuntratt li jittrasferixxi t-titlu, tiddikjara li hija tkun tikkwalifika biex takkwista dik il-proprjetà immobbli u għandha iktar minn hekk tiddikjara r-raġunijiet għal dik il-kwalifika kif ukoll, meta tkun hekk meħtieġa tagħmel b'dan l-Att, il-fini ta' dak l-akkwist, u n-nutar li jkun qed jippubblika l-kuntratt għandu javża lil dik il-

persuna kemm ikun importanti li dik id-dikjarazzjoni tkun waħda vera u għandu wkoll iniżżel dik id-dikjarazzjoni f'dak il-kuntratt.

(3) Nutar li jirċievi kuntratt li ma jkunx fih dikjarazzjoni skond ma hemm meħtieġ taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew li jonqos milli javża lill-partijiet partikolarment dwar kemm ikun importanti li tingħad il-verità f'dik id-dikjarazzjoni jew li jirreġistra fil-kuntratt li jkun ħares dik il-ħtieġa, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mitt euro (2,300) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf euro (23,000).

(4) Jekk issir jew tonqos milli ssir xi ħaġa bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjoni tas-subartikoli (1) jew (2) jew ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni, limitazzjoni jew kwalifika li tkun tinsab f'xi kunsens jew sensja mogħtija taħt dan l-Att, il-persuna li lilha jkunu l-aħħar ingħataw il-kunsens jew is-sensja u kull persuna oħra li tkun qed tagħmel jew tonqos milli tagħmel jew li tkun qed tippermetti li ssir jew tonqos milli ssir dik il-ħaġa kif hawn qabel imsemmi, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf euro (23,000) jew id-doppju tal-prezz tas-suq tal-proprjetà immobbli hekk akkwistata, skond liema jkun l-ogħla ammont, u, fil-każ ta' reat kontinwat, multa oħra ta' mhux anqas minn mitejn u tletin euro (230.00) u mhux iżjed minn elfejn, u tliet mitt euro (2,300) għal kull ġurnata, esklużi l-ewwel mija u tmenin ġurnata, li matulhom ikompli r-reat:

Iżda ma għandhom jiġu mibdija ebda proċedimenti kontra tali persuna matul mija u tmenin ġurnata mid-data ta' akkwist, u ma għandhom isiru ebda proċedimenti jekk, matul dak iż-żmien ta' mija u tmenin ġurnata, dik il-persuna tkun irrimedjat il-ksur u tkun ħarset id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew tkun xort'oħra b'mod legali ttrasferiet l-proprjetà:

Iżda wkoll jekk ikunu meħtieġa xi kunsens jew sensja sabiex titħares il-liġi u dak il-kunsens jew dik is-sensja jkunu rifjutati, ma għandhom isiru ebda proċedimenti kontra dik il-persuna, u dawk li jkunu diġà nbdew għandhom jiġu irtirati, jekk dik il-persuna tittrasferixxi l-proprjetà immobbli matul mija u tmenin ġurnata mid-data ta' dak ir-rifjut.

(5) Salvi d-disposizzjonijiet tal-provisos mas-subartikolu (4), ebda ħaġa f'dak is-subartikolu ma għandha tiftiehem bħala li tkun qed tikkonvalida xi ħaġa li ma tkunx qed issir b'mod konformi ma' xi kondizzjoni, restrizzjoni, limitazzjoni jew kwalifika li jkun hemm f'kunsens jew sensja mogħtijin taħt dan l-Att.

**8.** Il-Ministru jista' jagħmel, u meta jkun għamel ivarja, jibdel u, bla ħsara għall-għemil ta' regolamenti ġodda, jirrevoka, regolamenti biex jagħti effett lil kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, li -

Regolamenti. *Emendat: IV. 1979.2; IX. 2003.38, 42; A.L. 411 ta' l-2007.*

(*a*) jippreskrivi jew jipprovdi għal kull ħaġa li tista' jew li għandha tiġi preskritta taħt dan l-Att;

(*b*) jemenda, jħassar jew jissostitwixxi kull waħda mill-Iskedi li tinsab ma' dan l-Att;

(*ċ*) jipprovdi għal jew jistabbilixxi l-każijiet, il-mod, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet barra dawk provduti f'dan l-Att, li bihom jew taħthom kunsens jista' jingħata skond l-artikolu 6;

(*d*) jipprovdi, u jistabbilixxi penalitajiet li ma jkunux iktar minn tlieta u għoxrin elf euro (23,000) jew id-doppju tal-prezz tas-suq tal-proprjetà immobbli akkwistata u mhux aktar minn elfejn, u tliet mitt euro (2,300) għal kull ġurnata f'każ ta' reati kontinwi, jew konsegwenzi jew effetti oħra, għal jew dwar xi ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni, limitazzjoni jew kwalifika li tkun tinsab f'xi kunsens bħal dak kif intqal qabel;

(*e*) jippreskrivi d-drittijiet li jistgħu jinġabru għall-ħruġ ta' kunsensi għall-akkwist ta' proprjetà immobbli taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jagħmel disposizzjonijiet differenti dwar dawk id-drittijiet għal kategoriji differenti ta' applikazzjonijiet għal kunsens, għal kategoriji differenti ta' kunsensi, għal kategoriji differenti ta' persuni, jew għal dawk iċ-ċirkostanzi jew raġunijiet differenti kif il-Ministru jidhirlu xieraq.

Operazzjonijiet kuluriti.
*Miżjud: IX. 2003.43.*

**9.** Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll fejn persuna takkwista ishma jew interess ta' ekwità ieħor f'soċjetà kummerċjali biex iddur madwar u tevadi l-ħtieġa ta' kunsens taħt dan l-Att, u fejn xi persuna hekk takkwista dawk l-ishma jew interess ta' ekwità għal dak l-iskop mingħajr ma qabel tottjeni kunsens, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, inklużi, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4 u 7 tiegħu, għandhom japplikaw għall-akkwist ta' dawk l-ishma jew interess ta' ekwità daqs li kieku l-akkwist kien tal-proprjetà immobbli li jkollha dik is-soċjetà.

L-EWWEL SKEDA

Lista ta' żoni skedati skond l-artikolu 2

*Miżjuda: IX. 2003.44. Emendata: A.L. 156 ta' l-2005; A.L. 335 ta' l-2006; A.L. 109 ta' l-2007; A.L. 159 ta' l-2007; A.L. 181 ta' l-2007; A.L. 210 ta' l-2007; A.L. 131 ta' l-2008; A.L. 132 ta' l-2008; A.L. 133 ta' l-2008.*

1. FORTI CHAMBRAY

Il-Forti Chambray fil-limiti ta' Għajnsielem fil-Gżira ta' Għawdex, kif tidher delineata bl-aħmar fi pjan markat bħala Dokument X iskritt fl-atti tan-Nutar Pubbliku fid-Dipartiment ta' l-Art Dott. Vinċent Miċeli bil-Kuntratt Nru. 121 datat it-13 ta' April, 1993.

2. ŻVILUPP TA' PORTOMASO

L-Iżvilupp ta' Portomaso li jinsab fuq biċċa art ġewwa Spinola, San Ġiljan, Malta, li jidhru delineati bl-ikħal fi pjan markat bħala Dokument B anness ma' kuntratt fl-atti ta' l-Assistent Nutar tal-Gvern, Dottor Anthony Attard, bil-Kuntratt Nru. 83 datat id-19 ta' Mejju, 1964.

3. ŻVILUPP TA' COTTONERA

L-Iżvilupp ta' Cottonera li jikkonsisti fil-proprjetà immobbli, skond il-Pjanijiet LD 23/99, LD 23A/99; LD 23B/99; LD 24/99; LD 24A/99; LD 24B/99 u LD 24C/99 markati bħala Dokumenti "X", "Y", "F", W", "P", "O" u "K" rispettivament annessi mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Duttur tal-Liġi Vinċent Miċeli bil-Kuntratt Nru. 100 tat-2 ta' Ġunju, 1999.

4. MANOEL ISLAND/PONTA TA' TIGNÈ

Manoel Island/Ponta ta' Tignè fil-limiti tal-Gżira u Tas-Sliema fil-Gżira ta' Malta, skond il-pjanijiet Skizz tal-Proprjetà numru erbgħa u ħamsin żbarra elfejn (PD 54/2000) u Skizz tal-Proprjetà numru ħamsa u ħamsin żbarra elfejn (PD 55/2000) dwar artijiet f'Manoel Island/Ponta ta' Tignè rispettivament markati "X" u "Y" rispettivament iskritti fl-atti tan-Nutar Pubbliku fid-Dipartiment ta' l-Artijiet Vinċent Miċeli tat-3 ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000).

5. RESIDENZA TAS-SELLUM (PROĠETT MELLIEĦA)

Ir-Residenza tas-Sellum (Proġett Mellieħa) li tikkonsisti fi proprjetà immobbli skond Pjanta markata bħala Dokument "X" annessa ma' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja, b'Att Numru 246 tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004).

6. MADLIENA VILLAGE COMPLEX

7. SMARTCITY

8. ŻONA FORT CAMBRIDGE, TIGNÈ

9. IR-RESIDENZA TA' MONITA, MARSASCALA

10. PENDER PLACE u MERCURY HOUSE SITE

11. KEMPINSKI RESIDENCES, SAN LAWRENZ, GĦAWDEX

12. METROPOLIS PLAZA, GŻIRA

13. PORTOMASO ESTENSJONI I, SAN ĠILJAN

---

*Miżjuda: IX. 2003.44. Emendata: III. 2004.86; A.L. 411 ta' l-2007.*

## IT-TIENI SKEDA

### Kondizzjonijiet, restrizzjonijiet, limitazzjonijiet u kwalifiki għall-għoti ta' permess taħt l-artikolu 6

1. Persuna mhux residenti li tkun trid takkwista proprjetà immobbli skond l-artikolu 6 ta' l-Att għandu jippreżenta formola kif muri fl-Anness A jew B ma' din l-Iskeda mimlija kif imiss u li jkun fiha dawk il-partikolaritajiet u jintehmżu magħha dawk id-dokumenti, skond ma jkunu indikati f'dik il-formola.

2. Il-Ministru jista' jirrifjuta li joħroġ permess lil persuna mhux ta' mġieba tajba.

3. Meta jkun qed joħroġ permess skond l-artikolu 6 ta' l-Att, il-Ministru għandu jimponi dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

A. Fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni:

(i) li l-proprjetà immobbli tintuża biss bħala residenza mill-applikant u l-familja tiegħu u għal ebda raġuni oħra;

(ii) li l-akkwist għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess, salv li tista' tingħata estensjoni skond ma jintalab;

(iii) li fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, għandha tintbagħat kopja awtentikata ta' dak il-kuntratt għandha tasal fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty*); u

(iv) li l-proprjetà immobbli ma tistax tinbiegħ biss f'parti minnha, jew tiġi xort'oħra konvertita f'iktar minn dar waħda ta' abitazzjoni.

B. Fil-każ ta' *garage* jew proprjetà immobbli oħra konġunta:

(i) li l-proprjetà immobbli tintuża biss bħala *garage* mill-applikant u l-familja tiegħu jew bħala estensjoni li tkun se tiġi integrata ma' l-abitazzjoni eżistenti ta' l-applikant;

(ii) li l-akkwist għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess, salv li tista' tingħata estensjoni skond ma jintalab;

(iii) li fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, għandha tintbagħat kopja awtentikata ta' dak il-kuntratt fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty*); u

(iv) li l-proprjetà immobbli msemmija f'dan il-permess ma tkunx tista' tinbiegħ jew tiġi xort'oħra mneħħija separatament imma biss flimkien mad-dar ta' abitazzjoni oriġinali ta' l-applikant.

Ċ. Fil-każ ta' biċċa art:

(i) li l-applikant għandu jiżviluppa dik l-art f'residenza waħda singola u kompleta li tkun lesta biex tiġi okkupata fi żmien sentejn mid-data tal-ħruġ ta' dan il-permess;

(ii) li l-proprjetà immobbli għandha eventwalment tintuża biss bħala

residenza mill-applikant u l-familja tiegħu u għal ebda raġuni oħra;

(iii) li l-akkwist għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess, salv li tista' tingħata estensjoni skond ma jintalab; u

(iv) li fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, għandha tintbagħat kopja awtentikata ta' dak il-kuntratt fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty)*.

4. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu jkunu ta' €232 għal kull permess, jew dawk id-drittijiet li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu ordnati b'Ordni tal-Ministru.

ANNESS A

APPLIKAZZJONI LILL-MINISTRU RESPONSABBLI GĦALL-FINANZI MINN KORP TA' PERSUNI BIEX JAKKWISTAW PROPRJETÀ IMMOBBLI F'MALTA SKOND L-ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

TAQSIMA I

A. Partikolaritajiet dwar l-applikant li jaqa' taħt paragrafu (*ċ*) tat-tifsira "persuna mhux residenti" fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, Kap. 246 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att).

1. Isem tal-korp, assoċjazzjoni, awtorità, eċċ. jew entità oħra li tkun qed tapplika: ..........................................................................................................
..........................................................................................................................

2. Jekk dawn humiex korporati jew le: ..........................................................

3. Fejn jew taħt liema liġijiet u ta' liema pajjiż dawn jinsabu kostitwiti, iffurmati, stabbiliti, inkorporati jew reġistrati: (għandha tintehmeż kopja awtentikata ta' kull kuntratt ta' kostituzzjoni jew inkorporazzjoni rilevanti) ...............................

4. Jekk ikollhomx il-post prinċipali ta' residenza jew kummerċ tagħhom barra minn Malta: ..........................................................................................................

5. (*a*) Lista ta' l-azzjonisti kollha li tkun turi l-għadd ta' ishma li jinżammu minn kull wieħed, iċ-ċittadinanza ta' kull azzjonist u l-post ta' residenza; u .............
..........................................................................................................................

(*b*) Meta l-azzjonist ikun korp, assoċjazzjoni, awtorità, eċċ., il-partikolaritajiet kollha relattivi għalihom skond (*a*) hawn qabel: .............................
..........................................................................................................................

(Tista' tintehmeż lista separata ma' l-applikazzjoni li tkun iffirmata mill-applikant u ġġib id-data kif imiss, u nota li tkun tgħid dan u li ssir fl-ispazju ta' hawn fuq).

6. Jekk dawn ikunux b'xi mod sew direttament sew indirettament kontrollati minn xi persuna mhux residenti waħda jew iżjed kif imfisser fl-Att: .........................
..........................................................................................................................

(Għandhom jingħataw il-partikolaritajiet kollha kif ikun meħtieġ)

B. Partikolaritajiet dwar il-proprjetà immobbli li tkun se tiġi akkwistata minn persuni mhux residenti.

1. Deskrizzjoni dettaljata ta' proprjetà immobbli inkluż it-tip ta' proprjetà, il-lokalità u partikolaritajiet oħra meħtiega sabiex din tiġi identifikata u l-area tal-proprjetà f'metri kwadri: ........................................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................

2. Il-prezz jew korrispettiv ieħor li jkun qed jitħallas: .....................................

3. Jekk ikun se jsir xi żvilupp, dettalji ta' l-ispejjeż tax-xogħlijiet u ż-żmien kalkolat sabiex jilħaq isir dak ix-xogħol: .............................................................
..........................................................................................................................

4. Taħt liema titlu tkun se tiġi akkwistata l-proprjetà immobbli: .......................

(L-applikant għandu jippreżenta kopja tal-konvenju u ta' dokumenti oħra relatati li jkollhom x'jaqsmu ma' l-akkwist tal-proprjetà).

5. Skop għaliex tkun se tiġi akkwistata l-proprjetà immobbli: ...........................

6. Mnejn ikunu ġejjin il-flus għall-akkwist tal-proprjetà immobbli: .................

7. Partikolaritajiet oħra: ........................................................................................
..........................................................................................................................

Ċ. Partikolaritajiet tal-persuna li tkun qegħda tiġi akkwistata l-proprjetà immobbli mingħandha.

1. Isem: .............................................................................................................

2. Indirizz:...........................................................................................................

D. Dettalji ta' kull proprjetà immobbli f'Malta li l-applikant diġà jkollu pussess tagħha jew ikun proprjetarju tagħha b'xi jew taħt liema titlu jkun: ...........................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................

Jiena qiegħed hawn niddikjara li l-partikolaritajiet hawn qabel mogħtija huma veri u korretti u li hu maħsub li l-proprjetà immobbli tintuża għall-iskop hawn qabel imsemmi.

Data ................................

Firma ta' l-Applikant ..................................

NOTA: L-applikant jinsab mgħarraf li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' importanza għar-rigward ta' l-għoti ta' permess mill-Ministru, li tkun skorretta jew qarrieqa, tirrendi fost affarijiet oħra kontemplati fl-Att kuntratt jew att relattiv null u bla effett.

TAQSIMA II

Għall-użu ta' l-uffiċċju biss.

ANNESS B

APPLIKAZZJONI LILL-MINISTRU RESPONSABBLI GĦALL-FINANZI MINN INDIVIDWU SABIEX JAKKWISTA PROPRJETÀ IMMOBBLI F'MALTA SKOND L-ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

TAQSIMA I

A. Partikolaritajiet ta' l-applikant:

1. Isem u kunjom: ...........................................................................................

2. Post u data tat-twelid: ..................................................................................

3. Ismijiet tal-ġenituri inkluż kunjom xbubit l-omm: .......................................
..........................................................................................................................

4. Professjoni jew sengħa: ................................................................................

5. Ċittadinanza: ..................................................................................................

6. Post ta' residenza: (indirizz sħiħ) ................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................

7. Indirizz postali jekk inhu differenti minn dak ta' hawn qabel:
..........................................................................................................................

Żewġ ritratti tat-tip li jintużaw fuq passaport ta' l-applikant u fotokopja tal-passaport ta' l-applikant fejn jintwerew id-dettalji personali għandhom jiġu mehmuża flimkien ma' din l-applikazzjoni.

B. Partikolaritajiet tal-proprjetà immobbli li għandha tiġi akkwistata minn persuna mhux residenti

1. Deskrizzjoni dettaljata ta' proprjetà immobbli (i) tip ta' proprjetà, lokalità, irjieħat (meta dan ikun meħtieġ) u partikolaritajiet oħra li jkunu meħtieġa biex jidentifikawha u (ii) daqs tal-proprjetà fejn tingħata l-area sħiħa f'metri kwadri, dettalji tal-bini, u kull ħaġa oħra relattiva għal dan kollu, (iii) sew jekk il-proprjetà tkun jew ma tkunx ta' importanza storika jew tkun tinsab f'area storika: ..................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................
..........................................................................................................................

2. Il-prezz jew korrispettiv ieħor li jkun qed jitħallas: ....................................

3. Jekk din tkun għall-iżvilupp, dettalji ta' l-ispiża tax-xogħlijiet u ż-żmien li x'aktarx jittieħed biex isir kollu: .............................................................................
..........................................................................................................................

4. Taħt liema titlu il-proprjetà immobbli tkun se tiġi akkwistata: .....................

(L-applikant għandu jippreżenta kopja tal-konvenju u ta' kull dokument li jkollu x'jaqsam ma' l-akkwist tal-proprjetà).

5. Skop li għalih tkun se tiġi akkwistata il-proprjetà immobbli: .......................

6. Mnejn ikun ġejjin il-flus għall-akkwist tal-proprjetà immobbli: ...................

7. Xi partikolaritajiet oħra: ..............................................................................

Ċ. Partikolaritajiet tal-persuna jew korp ta' persuni li mingħandhom tkun qiegħda tiġi akkwistata il-proprjetà immobbli:

1. Isem: ..............................................................................................................

2. Indirizz: ..........................................................................................................
..........................................................................................................................

3. Ċittadinanza jew fil-każ ta' korp ta' persuni, jekk hux "residenti" skond l-Att ..........................................................................................................................

D. Partikolaritajiet ta' proprjetà immobbli li tkun diġà miżmuma minn sid jew li tkun tinsab fil-pussess tiegħu:

1. Dettalji ta' kull proprjetà immobbli f'Malta li tkun diġà miżmuma minn sid jew li tkun tinsab għandu taħt liema titlu jkun mill-applikant: ..................................
..........................................................................................................................

2. Dettali ta' kull proprjetà immobbli f'Malta li tkun diġà miżmuma bi proprjet? jew li tkun tinsab għandhom taħt liema titlu jkun mill-familja ta' l-applikant: .........................................................................................................
..........................................................................................................................

3. Dettalji ta' kull proprjetà immobbli f'Malta mneħħija mill-applikant jew minn xi membru tal-familja tiegħu matul l-aħħar 10 snin: ........................................
..........................................................................................................................

Qiegħed b'dan niddikjara li l-partikolaritajiet huma veri u korretti.

Data................................

Firma ta' l-Applikant/Mandatarju/Prokuratur

.....................................................

NOTA: L-applikant jinsab mgħarraf li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' importanza għar-rigward ta' l-għoti ta' permess mill-Ministru, li tkun skorretta jew qarrieqa, tirrendi fost affarijiet oħra kontemplati fl-Att kuntratt jew att relattiv null u bla effett.

TAQSIMA II

Għall-użu ta' l-uffiċċju biss.